# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 66/2022 JPG**

**Kawza Numru : 10**

**PB**

**Vs**

**TE**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' PB datat 3 ta' Frar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja ta' San Gwann nhar l-ghaxra ta' Dicembru elf disa mija tlieta u disghin (10/12/1993) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv tnejn tnejn sebgha tnejn (2272) u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala DOK'A';*

2. *Illi l-esponenti ssepraw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Phillip Lanfranco datat tnejn ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (02/07/2013) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala DOK'B';*

3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett t'itfal u cioe G li twieled f'X, A li twieled f'Y u S li twieldet f'Z u dan kif muri mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'C1,C2 u C3'.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonjevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet illhom separati mit-tnejn ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (02/07/2013), ma jghixux flimkien u ghalhekk ghal aktar minn sena (1) matul l-ahhar (2) precedenti dan l-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterji tal-artikolu 66B(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta , hekk kif ammendat permezz tal-ATT XXV of 2021.*

5. *Illi dwar manteniment l-esponenti jiddikjara li ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni il-missier obbliga ruhu li jhallas lil minuri il-manteniment ta' erbgha mitt ewro (€400) fix-xahar liema manteniment u dana sakemm il minuri jaghlqu it-tmintax (18)-il sena jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk it-tfal ikomplu jistudjaw f'Universita.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant , u in vista tas-suespost , din l-Onorrabli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:*

1. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghalhekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' TE datata 11 ta' Awwissu 2022, a fol 26, li taqra hekk:

1. *Illi primarjament u minghajr pregudizzju ghas-sewgwenti, l-esponenti teccepixxi illi l-isem li bih giet notifikata u li ghaldaqstant jidher fl-okkju tal-kawza odjerna huwa skorret, ghaliex prezentament jindika li isem l-esponenti huwa "T" filwaqt li l-isem l-esponenti skont id-dokument tal-identita' ufficjali taghha jinkiteb "T", u ghaldaqstant jinhtieg li ssir korrezzjoni f'dan ir-rigward;*

2. *Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013);*

3. *Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda oppozizzjoni ghat-talbiet attrici;*

4. *Illi ghal dan il-ghan, l-esponenti qieghda tissottometti affidavit bil-gurament taghha flimkien mar-risposta odjerna, immarkata bhala Dok A.*

Rat id-digriet taghha datat 10 t'Ottubru 2022 li permezz tieghu ordnat korrezzjoni f'isem l-intimata li ghandu jaqra T u mhux T.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**PB xehed** (vide affidavit fol 12) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-10 ta' Dicembru 1993 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Lulju 2013 fl-atti tan- Nutar Dr Philip Lanfranco. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**TE xehdet** (vide fol 32) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Dicembru 1993, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2272/1993 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Philip Lanfranco nhar it-2 ta' Lulju 2013 (vide Dok B fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2273/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**